# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 8 ta' Marzu, 2002

## Avviz numru : 8/2002GT(GM)

**Francis Caruana (IMP.) Limited**

**vs**

**John Attard**

**It-Tribunal;**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**Illi l-konvenut xtara diversi kwantitajiet ta' materjal tal-bini minghand is-socjeta' attrici.**

**Illi in segwitu ta' dawn il-konsenji hija dovuta s-somma ta' erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltija u erba' centezmi (Lm483.04) kif jirrizulta miz-zewg statements annessi bhala dokumenti A u B.**

**Illi minkejja diversi interpellazjonijiet u minkejja diversi promessi il-hlas baqa' ma sarx.**

**Illi qed jintalab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan il-bilanc flimkien ma' l-imghax mid-data ta' l-ahhar konsenja cioe' f'15 ta' Lulju 2000 sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma' l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u dawk tal-ittra interpellatorja datata 18 ta' Dicembru 2001.**

**Ra r-riferta posittiva mnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat izda la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fit-28 ta' Frar 2002 u dik tallum;**

**Sema' d-depozizzjoni guramentata ta' Raymond Caruana, rapprezentant tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut u ra d-dokumenti esebiti;**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghal hlas ta' erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltija u erba' centezmi (Lm483.04c), bl-imghax legali mill-15 ta' Lulju 2000 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assista lis-socjeta' attrici quddiem dan it-Tribunal u tal-ittra interpellatorja tat-18 ta' Dicembru 2001, a kariku tal-konvenut.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**